MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-22 ta' Awwissu, 2007

Appell Kriminali Numru. 102/2007

Il-Pulizija
(Spettur K. Farrugia)
Vs

Dr. Etienne Calleja

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, talli fl-10 ta’ Settembru, 2006, ghall-habta ta’ 19.24 hrs., f’dawn il-Gzejjer Maltin, ghamel uzu ta’ xi sistema jew apparat ta’ telekomunikazzjoni provdut minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih ikun gie provdut jew xort’ohra naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew ta’ sistema tat-telekomunikazzjoni jew taghmir jew ghamel uzu minnu mhux sew mill-imsemmi apparat billi hedded lil Marie Luigia Coleiro permezz ta’ telefonata.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-6 ta’ Marzu, 2007, li biha wara li rat l-Artikolu 35 (1)(d) tal-Kap. 399 u bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuza kif dedotta w ikkundannatu riprensjoni w ammonizzjoni,

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 ta’ Marzu, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tikkancella s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni jew htija skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- Li l-akkuza kif impostata ma tinkwadrax fl-artikolu tal-ligi li a bazi tieghu hu nstab hati ghar-raguni li l-artikolu 35(1) (d) tal-Kap.399 odjernament (Sic!) ma jaqrax hekk; Li subordinatament u bla pregudizzju hall-ewwel aggravju, l-alleggata theddida kienet tikkonsisti fil-kliem : *"Ser tqabbixli c-cinga.",* liema kliem ma jammontax ghal theddida, benche' (sic!) ma jaghmel ebda riferenza ghal xi hsara fuq proprjeta' jew fuq il-persuna lejn min kienu diretti dan il-kliem. Dan il-kliem ma jfisser xejn ghajr *"qed tirrabjani.".* Dan il-kliem ma giex segwit bi kliem iehor li seta' b' xi mod jigi intiz bhala minaccjanti , tant li kienet il-kwerelanti stess li dak il-hin temmet il-konversazzjoni telefonika mal-appellant. Ghalhekk premess li ma sehhitx theddida, ma jikkonfigurax ir-reat kif kontemplat fl-akkuza migujba kontra l-appellant u ghalhekk ma sar ebda uzu ta' mezz ta' telekomunikazzjoni bil-mod li hemm fl-akkuza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet ix-xhieda mill-gdid fl-udjenzi tat-13 t' April u tal-21 ta' Gunju, 2007;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi l-provi mismugha mill-gdid jistghu jigu riassunti kif gej :-

**L-ISPETTUR KEVIN J. FARRUGIA** xehed li kien il-*prosecuting officer* fil-kawza w ikkonferma li is-sinjura Marie Louise Coleiro Preca kienet xehdet li l-appellant kien qalilha fuq it-telephone *"tqabbizlix* ic-cinga." Kienet xehdet ukoll li kellha xi interess legali dwar xi hadd li kien jigi minnha dwar xi storja li kienet ilha ghaddejja fit-tul f' xi kawza civili. Il-partijiet kolha w cioe' l-appellant, il-kwerelanti u s-Surgent li kien l-ghassa kolha kkonfermaw li kienet saret din it-telfonata. Skond it-Telecommunications Act, il-Pulizija tipprocedi *ex officio*. F' dal kaz kienu mexxew fuq rapport.

**ANTHONY BONNICI** xehed li hu rapprezentant tal-GO MOBILE w issottometta l-*incoming call profile* tal-*mobile phone* numru 7944 0885 li jinsab esebit fil-process (Dok. AB1 a fol-14) u li juri t-telefonati kollha li dahlu fuq dan in-numru fl-10 ta' Settembru, 2006. Dan in-numru hu registrat fuq il-kwerelanti. Ir-records juru li dahlet telefonata fil-hin 19.19 hrs mill-mobile phone numru 99888584 u damet 120 sekonda.

**RACHEL DESIRA** li xehdet in rapprezentanza tad-ditta VODAFONE Malta Limited, ikkonfermat li hi kienet esebiet id-dokumenti li jinsabu esebiti a fols. 11 u 12 tal-process, u li juru l-*calls* li saru minn fuq il-*mobile phone* numru 99888584 fl-10 ta' Settembru, 2006, (fol. 11) u l-*particulars* tas-*subscriber* li fuqu hu registrat dak in-numru w cioe' l-appellant (fol. 12).

**CHARMAINE GALEA TRIGANZA** xehdet ghan-nom tas-socjeta MALTACOM PLC u kkonfermat li kienet esebiet lista tal-*incoming calls* fuq in-numru 21440885 fl-10 ta' Settembru, 2006 li tinsab esebita a fol. 13. Kif awtorizzata minn din il-Qorti esebiet ukoll lista li fuq min huma r-registrati whud minn-numri li jidhru a fol. 13.

**L-ONOREVOLI MARIE LOUISE COLEIRO PRECA** xehdet li l-isfond ghall-incident in ezami kien li n-neputija tar-ragel taghha kienet mizzewga wiehed Marokkin u kien hemm *break-up* fiz-zwieg taghhom u din fittxet l-ghajnuna taghha w ta' zewgha li prattikament kien rabbiha hu ghax kienet tilfet lil missierha. Dal-Marokkin kien qed jaghmel hafna theddid fil-konfront tax-xhud. Pero' hi ma kienetx hadet passi kontra dal-Marokkin ghax bezghat li jmur ghand omm martu li hija armla u n-nanniet taghha li huma avvanzati hafna fl-eta'.

Darba minnhom, jum tal-Hadd, meta kienet hierga mill-quddies tas-6.30pm f' xis-7.15pm hadet telefonata permezz tal-mobile phone taghha w min kien qed ikellimha, introduca ruhu bhala l-Dr. Etienne Calleja l-avukat ta' dan il-Marokkin. Lilha kien indirizzha bhala "kollega". Attwalment hi mhix avukat, ghalkemm iggradwat bhala nutar. Tahseb li pero' hu kellu l-impressjoni li x-xhud kienet avukat. Hi pero' ma kienetx dahlet fil-kaz u rreferiet lin-neputija ta' zewgha ghand Avukat minkejja l-*background* legali li kellha.

Il-persuna li cemplet bdiet takkuzaha li hi kienet qed tkisser iz-zwieg u hi wegbitu li l-ewwel nett dan ma kienx diskors ta' fuq it-telephone skond l-etika. Kien hemm *cross exchange of words* u fl-ahhar qalilha : *"Isma ara ma tqabbizilix, ta."* Fil-kuntest ta' dak li kien qed jigri w cioe' li l-Marokkin kien heddidha li jaraha fit-triq u jtajjarha bil-karozza, bdiet tinkwieta ghax hi ukoll ghandha familja w hasbet li din il-kwistjoni ser tikber. Ghalhekk marret id-dar u cemplet l-ghassa tal-Pulizija, kif kien qalilha biex taghmel l-Assistenbt Kummissarju Alfred Abela. Kien irrizultalha n-numru mill-ID caller u dan ghaddietu lill-Pulizija fl-ghassa ta' Birkirkara. Hasset li kellha tiehu passi fil-kuntest tal-isfond tal-fatti kif iddeskriviethom. L-ghada ghamlet ukoll rapport l-ghassa tal-Belt fuq thedid li kien sar mill-Marokkin. Meta bdew il-proceduri ma rrizultax li Dr. Calleja kien l-Avukat tal-Marokkin, pero' meta kien cempillha dik l-impressjoni li kienet hadet ghax ebda avukat ma jcempel lil xi hadd jitkellem f' isem haddiehor.

In kontro-ezami, x-xhud qalet li d-diskursata fuq it-telefon ma kienetx fuq is-sustanza tal-kaz ghax hi bdiet tinsisti li ma kienx *professionally ethical* li xi hadd li huwa professjonist jitkellem fuq it-telephone u kien f' dak il-mument li l-appellant qaliha "*Ara ma tqabbizilix."* Haditha bhala theddida minnhabba l-kuntest tat-theddid li kellha mill-Marokkin li kien anki mar jaghmel storbju go St. Nicholas Street, l-Belt fil-21 ta' Settembru, tard filghaxija.

In ri-ezami x-xhud qalet li t-ton meta qal dawn il-kliem l-appellant ma kienx wiehed tajjeb; ton ta' rabja. *"Mela xi hadd jghidlek 'Ara tqabbizilix…?' "* Barra minn hekk kien hemm *background* ta' muzika u storbju ghaddej li juri li lanqas kien qed icempel minn xi ufficcju.

Hemm umbaghad l-AFFIDAVIT ta' **PS 564 GEOFFREY SCHEMBRI** (fol. 2) fejn iddikjara bil-gurament li fl-10 ta' Settembru, 2006, ghall-habta tat-20.15 hrs., Marie Louise Coleiro kienet irraportat l-ghassa ta' Birkirkara li aktar kmieni dak in-nhar ghall-habta ta' 19.24 hrs. kien cemplilha wiehed li identifika ruhu bhala Dr. Etienne Calleja, kif ukoll bhala kollega, u qal li kien qed jitkellem f' isem il-klient tieghu Mohammed. Dan staqsieha jekk kienetx qed iggieghel lin-neputja taghha Miriam il-mara ta' dan Mohammed biex tiehu passi legali biex tinfired minn dan Mohammed. Hi kienet irrispondietu *: "Inti taf izjed minni. Qatt jigi xi klient ghandek u ggieghlu jiehu passi kontra xi hadd?"* Qaltlu wkoll li ma kienetx etika li jikellem dwar dawn l-affarijiet fuq it-telephone. Meta sema' dan id-diskors, Dr. Calleja wegibha b' vuci gholja dawn il-precizi kliem : *"Ara tqabbizlix ic-cinga."* Kif semghet dad-diskors hija qatghet it-telefonata.

**L-APPELLANT** xehed li dak in-nhar tal-10 ta' Settembru, hu kien gie avvicinat minn dan il-persuna ta' nazzjonalita' Marokkina li qallu li ser jibda jghaddi minn proceduri ta' separazzjoni minn ma martu u li kien qed jiffaccja hafna inkwiet . Hu staqsa lill-Marokkin kienx jaf min hi l-avukat tal-mara tieghu u dan qallu li kienet il-kwerelanti Dottoressa Marie Louise Coleiro w tah in-numru taghha. Peress li hu ma bediex jifhem sew x' kien qed jghidlu l-Marokkin minnhabba l-barriera tal-lingwa, haseb li jaqbad

u jiccara l-pozizzjoni w cempel lil Mrs Coleiro. Introduca ruhu w staqsiha jekk hi kientx qed tirraprezenta lil mart il-Marokkin. Hi kkonfermatlu li kienet qed tirraprezentaha. Kieku hi kienet infurmatu mall-ewwel li ma kientx avukat jew certament li ma kienetx l-avukat ta' dik il-persuna, hu kien jinterrompi l-konversazzjoni, jiskuza ruhu w jaqta' t-telefon. Imma mhux hekk gara ghax ikkonfermatlu fuq li kkonfermatlu illi hi kienet l-avukat taghha.

Kien qalilha bl-edukazzjoni kollha *"Qed tinsisti fuq is-separazzjoni ta' din il-koppja."* Ma kienetx kelma. Bdiet tghajjat, twerzaq, tixxenja fuq it-telephone. Meta kompliet din bdiet teskala w beda jkompli jeskala t-ton. Lilu irrabjatu w veru li hu *"mhux ezatt dak il-preciz kliem ghidtilha : 'issa tqabbizlix ic-cinga' imma 'ara ha tqabbizli c-cinga', imma insomma".*

Qaltlu : *"Iva…issa nurik kif ha nqabbizhielek."* u qatghet it-telephone. Wara ftit minuti rceva telefonata minnghand Surgent tal-Pulizija mill-ghassa ta' Birkirkara li talbu biex jinzel l-ghassa. Meta staqsieh ghaliex, qallu li kellu bzonn l-identifikazzjoni tieghu. Dan staqsieh jrekk kienx ghadu kif kellu konversazzjoni tahraq u hu wiegbu : *"Tahraq?"* . Qallu li jekk kien qed jirreferi ghall-konversazzjoni ma Mrs. Coleiro, ikkonfermalu li kellu dil-konversazzjoni. Is-Surgent qallu li ser ikollu jipprocedi ghax ghalkemm kien qal lil Mrs. Coleiro li *"as such"* ma kienx hemm reat, din kienet qed tinsisti li jittiehdu passi. Fil-fatt saret il-kawza.

In kontro-ezami, l-appellant mistosi ghala  ma kienx ghamel kontro-ezami lis-Surgent dwar dan li kien ghadu kif qal, irrispondi li ghax kien qed jiddefendi lilu nnifsu quddiem l-Ewwel Qorti w xtaq ir-rizoluzzjoni ahharija tal-kaz u ma talabx li jaghmillu kontro-ezami ghax is-Surgent ma kienx hemm.  Hu ma kienx jaf bil-*background* li xehdet dwaru Mrs. Coleiro u cioe' li dal-Marokkin kien qed jheddidha.

Fil-kors ta' konfront li sar bejn l-appellant u l-**kwerelanti**, din qalet li qatt ma kienet ikkonfermat li hi kienet qed tirrapprezenta lin-neputaja tar-ragel u din kienet gidba. Hi ma tista' tirrapprezrenta lil hadd ghax hi studenta tal-ligi w

dak id-diskors qatt ma qalitu. Kompliet tghid li mhux minnu dak li kien qed jigi suggerit lilha mil-prosekutur u cioe' li fuq it-telephone hi kienet bdiet tghajjat u twerzaq hafna. Hi kienet ghadha hierga mill-knisja ma zewgha w bintha w mit-tul tat-telefonata wiehed jista' jara l-qosor taghha. Din kienet qed tismaghha quddiem il-Qorti tal-Appell l-ewwel darba ghax quddiem l-Ewwel Qorti ma ssemmietx.

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu li l-akkuza kif impostata (Sic!) ma tinkwadrax ruha fl-artikolu 35(1)(d) tal-Kap.399. Illi l-akkuza kif dedotta kontra l-appellant u li taghha nstab hati mhix dik kontravvenzjonali ta' min jaghmel lil haddiehor theddid mhux imsemmi band' ohra fil-Kodici Kriminali kontemplata fl-artikolu 339 (e) tal-Kap. 9, imma akkuza li tidher, kemm mid-dicitura taghha kif ukoll mill-artikolu citat mill-Ewwel Qorti, bazata fuq l-art. 35 (1) (d) tal-Kap.399, l-Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettronici (qabel imsejjah Att biex Jirregola t-Telekomunikazzjoni, Att XXXIII tal-1997 kif emendat bl-Att XIX tal-1998; XVIII tal-2000; VI tal-2001; XXVII tal-2002 ; IX tal-2003 u VII tal-2004)**.**

Dan is-sub-sub inciz jghid li persuna li tuza xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew tittraskura milli tosserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahrugu minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew inkella tuzah b' mod mhux kif imiss, tkun hatja ta' reat that dak l-Att u tista', meta tinstab hatja, tehel multa ta' mhux izjed minn LM10,000 (qabel LM5000) u fil-kaz ta' reat permanenti ghal multa ta' mhux izjed minn LM200 ghal kull jum li matulu jkompli r-reat.

Illi ghalkemm l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant tkompli zzid tghid **: "billi hedded lil Marie Luigia Coleiro permezz ta' telefonata"** , dan il-fatt b' ebda mod ma hu inkorporat fis-sub sub-inciz in kwistjoni. L-appellant qed jargumenta ghalhekk li hu qed jigi akkuzat b' reat li ma jezistix.

Issa dan is-sub sub-inciz jigi wara tlieta' ohra (a) (b) u ( c ) li fihom fis-sustanza wiehed isib ir-reati kontemplati fl-artikolu 34 (1) kif kien qabel l-emendi li saru bl-Att VII tas-sena 2004, meta dawn ingabru fl-erba sub incizi tal-artikolu 35 (1) illum (u kif kienu vigenti fiz-zmien tal-allegat reat) Dawn huma r-reati segwenti :-

(a) ta' min jibni, isewwi izomm f' kondizzjoni tajba , jibdel jew jikkontrolla xi apparat jew installazzjoni minghajr ma jkollu xi kwalifika mehtiega ghal dak l-iskop
(b) ta' min ibiegh jew joffri ghall-biegh jew jipprovdi jew jistalla jew juza xi istallazzjoni jew apparat li ma jkunx jikkonforma ma tali *standards* jew specifikazzjonijiet teknici skond ma huma mehtiega jew stabbiliti f' dak l-Att jew tahtu; jew ikollu tassew ragjonevolment ghaliex jahseb li jkun difettuz jew inkompatibbli mas-servizzi li dwarhom ikunu imbieghu, gew provvduti, installati jew uzati , u
(c) ta' min jipprovdi xi servizz ta' komunikazzjonijiet elettronici jew jistalla jew ihaddem xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici bi ksur ta' xi dispozizzjoni ta' dak l-Att jew bi ksur ta' xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni imposti b' dak l-Att jew tahtu .

Ikkonsidrat;

Illi dawn ir-reati w ohrajn li jinsabu fis-subartikoli (2) (3) u 4) huma deskritti fin-nota marginali bhala "Reati ta' xorta kriminali **specifici** ghall-komunikazzjonijiet elettronici" (emfasi ta' din il-Qorti)

Illi moqri fid-dawl tal-import tas-sub sub-incizi (a) (b) (c) li jippreceduh, u tas-sub artikolu (2) (3) u (4) li jsegwuh jidher car li s-sub sub inciz (d) qed jikkontempla uzu ta' network jew apparat li bhall-dawk li jissemmew qabel, mhumiex awtorizzati, jew ghax mhumiex teknikament korretti, jew ghax ma jsirux minn persuni kwalifikati, jew ghax ma jkunux teknikament kompatibbli ma servizzi ohra, eccetera. Jidher li l-ghan tal-ligi specjali f' dan l-artikolu mhux li johloq jew jippunixxi b' mod aktar sever u gravuz reati kriminali li jinsabu f' ligijiet ohra li jsiru b'

mezzi ta' telekomunikazzjoni, kif qed tinterpreta dan is-sub sub inciz (1) (d) tal-artikolu 35 il-Prosekuzzjoni, imma biex tipprevjeni abbuzi ta' natura teknika minn sistemi ta' komunikazzjonijiet elettronici. Bl-applikazzjoni tar-regola tal-interpretazzjoni tal **eiusdem generis**, jidher car li is-sub sub inciz (d) mhu xejn hlief aspett iehor tar-reati ta' natura teknika kontemplati fis-sub sub-incizi (a) (b) u ( c ) u reati ohra intizi biex jolqtu specifikatament it-thaddim ta' sistemi ta' komunikazzjonijiet elettronici w ma jissema bl-ebda mod u ma jiccentra xejn it-theddid jew addirittura xi tip ta' reat iehor kontemplat f' xi ligi ohra.

U bil-fors li jkun hekk ghax ma jaghmilx sens li min jhedded verbalment li xi hadd ikun punibbli b' ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira jew sa xaharejn detenzjoni, mentri jekk it-theddida ssir ukoll verbalment imma bit-telephone ikun passibbli ghall-multa sa ghaxart elef lira Maltin (LM10,000).

Hu car ghalhek li l-kliem **" ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih"** u "**jew tuzah b' mod mhux kif imiss"** f' dan is-sub sub-inciz ma jirriferix ghall-kommissjoni ta' xi reat iehor bl-uzu tat-telephone, imma ghall-uzu ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoniijiet elettronici fornut minn impriza mhux ghal-ghan tekniku, awtorizzat, kompatibbi, eccetera, jew ghall xi forma ta' abbuz iehor, imma dejjem fl-isfera tar-reati ta' l-istess natura teknika komprizi fis-sub-sub-incizi (a) (b) u (c) u reati ohra krejati fis-subartikoli (2) (3) u (4) li kollha jirrigwardaw abbuzi ohra bhal min jaghti informazzjoni falza jew qarrieqa (2); ta' impjegat ma xi impriza li tati informazzjoni dwar messaggi li jsir jaf bihom minnhabba l-kariga li jkollu, jibdel jew jahbi jew jommetti, jdewwem jew jostruwixxi milli jwassal xi messagg jew jeqred xi messagg jew ihassar jew jeqred xi messagg li ma jkunx indirizzat lilu, eccetera (3) jew inkella ta' min jattakka jew jostruwixxi xi impjegat ta' impriza fil-qadi tal-funzjonijiet tieghu (4).

Dan ikompli jsahhah il-konvinzjoni ta' din il-Qorti dwar l-ghan veru tar-reati kontemplati f' din it-Taqsima tal-Kap.399.

Illi umbaghad hu principju baziku w fondamentali li fit-termini tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jehtieg li l-ligi li tikkostitwixxi reat tkun accessibbli u cara, w li jkun hemm dak li jissejjah *“legal certainty.”* Dan certament ma jkunx il-kaz jekk fis-sub sub-inciz jkunu jistghu jigu *"attached*" xi dispozizzjonijiet ohra li jikkontemplaw reati ohra kriminali skond ma jkun jidhrilha opportun il-prosekuzzjoni minn kaz ghall-kaz w dan bl-iskuza tal-uzu tal-kliem generiku: *"ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih"* u/jew *"b'mod mhux kif imiss"* adoperat fl-art. 35(1) (d).

Illi ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti anki kieku, ghall-grazzja tal-argument, il-kliem inkriminat kellu jitqies bhala kliem ta' theddid, il-prosekuzzjoni kien imissha pprocediet skond l-artikolu 339 (e) fuq imsemmi u mhux taht l-art. 35 tal-Kap. 399.

Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi milqugh u din il-Qorti qed tirritjeni li l-agir tal-appellant ma kienx jikkostitwixxi reat taht l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu .

Ghal din ir-raguni din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tikkonsidra l-aggravji l-ohra li l-appellant ressaq *in subsidium* dwar jekk il-kliem addebitat lill-appellant kien jikkostitwixxi theddida jew le.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh w s-sentenza appellata qed tigi revokata w l-appellant qed jigi liberat minn kull imputazzjoni w ammonizzjoni w reprensjoni.

B' dana kollu, peress li l-kondotta tal-appellant tista' talvolta tkun censurabbli mill-lat ta' etika professjonali, tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat a kura tad-Deputat Registratur lis-Segretarja tal-Kummissjoni tal-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u lis-Segretarju tal-Kamra ta' l-Avukati sabiex jittiehdu l-passi kollha opportuni fil-konfront tal-appellant, jekk hu l-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------